MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 275/2002/1

**L-Avukat Dottor Anthony RUTTER GIAPPONE, Rose Rutter Giappone u Anne Bonello**

**vs**

**ENERGY LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-8 ta’ Marzu, 2002, li bih l-atturi ippremettew:

Illi in forza ta’ kuntratt ta’ kera datat 1 ta’ Gunju 1993, l-atturi krew lis-soċjeta’ konvenuta l-fond numru mija u tmienja u erbgħin (148), Triq Melita, Valletta, inkluz il-ħanut “Brittania Toy Shop” li jmiss ma’ dan il-fond u li jinsab ukoll fi Triq Melita, Valletta, bil-kera ta’ sittax-il elf lira maltin (Lm16000) fis-sena (Dok. “A”);

Illi l-Artikolu tnax (12) ta’ l-istess kuntratt jgħid:

*“The lessee shall have no right to sublet, assign, cede or in any way transfer the Premises or any part of it, nor to assign or in any way trasnfer this agreement or any right arising from this agreement.*
*“For all intents and purposes, it is agreed that a change effecting over twenty four per cent (24%) of the present shareholding or the share structure of the lessee company ... ... shall amount to an assignment of rights. The only exception to this conditions a transfer of shares to descendets and/or brother, in which case for calculation purposes, their shares shall be deemed to be owned by their original transferor.*
*“If the lessee is in violation of this clause, he shall automatically and ipso facto lose all his rights under this lease agreement, which agreement shall be deemed automatically dissolved and terminated upon the realisation of the said violation.”*

Illi s-soċjeta’ konvenuta kisret dan l-artikolu billi ssullokat, assenjat, ċediet jew b’xi mod ieħor ittrasferiet il-fond jew parti minnu lil terzi, u jew, assenjat jew ittrasferiet drittijiet naxxenti minn dak il-kuntratt lil terzi,u għalhekk iddekadiet mid-dritt ta’ lokazzjoni u l-kuntratt ta’ lokazzjoni ġie awtomatikament rexxiss;

Illi ukoll, permezz ta’ resoluzzjoni tas-soċjeta’ konvenuta datata 8 ta’ Gunju 1994 (ara Dok. D) jirrisulta illi l-kapital tal-ishma fis-soċjeta’ konvenuta, li meta sar il-kuntratt kien ta’ ħamest elef (5000) ishma ta’ Lm1 il-waħda (ara Dok. C) ġie awmentat għal ħamsa u għoxrin elf (25,000) ishma ta’ Lm1 il-waħda, kif jidher mill-Annual Return tas-soċjeta’ konvenuta tas-sena 1994 (ara Dok. E), b’dan illi konsegwentement, ix-*shareholding or the share structure* tas-soċjeta’ konvenuta nbiddel b’ħames mija fil-mija (500%) meta komparat ma’ l-istruttura ta’ ishma esistenti fid-data tal-kuntratt fuq indikat;

Illi permezz ta’ ittra interpellatorja tat-22 ta’ Frar 1996, u sussegwentement permezz ta’ ittra uffiċjali datata 17 ta’ Mejju 1996 (ara Dok B u B1), is-soċjeta’ konvenuta ġiet uffiċjalment informata bid-dekadenza tagħha tad-drittijiet

ta’ lokazzjoni tal-fond de quo skond artikolu tnax tal-kuntratt u għalhekk ġiet interpellata tizgombra il-fond;

Illi ukoll a tenur tal-Artikolu tlieta (3) ta’ l-istess kuntratt, is-soċjeta’ konvenuta kellha tipprovdi lill-atturi fi żmien tlett xhur mid-data tal-kuntratt pjanta tal-fond kif esistenti dak iż-żmien, u barra minn dan a tenur tal-Artikolu sitta (6) l-atturi kellhom jiġu provduti pjanta u deskrizzjoni ta’ l-alterazzjonijiet strutturali li kienu se jsiru fil-fond minn żmien għal żmien. Dawn il-kondizzjonijiet huma importanti ħafna għaliex soċjeta’ konvenuta kellha tniffed il-fond de quo mal-fond tagħha adjaċenti u għalhekk l-atturi riedu prova ċerta tad-divizjoni taż-żewġ fondi fil-futur;

Illi s-soċjeta’ konvenuta baqgħet qatt ma provdiet lill-atturi pjanta tal-fond kif esistenti fid-data tal-kuntratt, u lanqas pjanta u deskrizzjoni tat-tibdil strutturali estensiv illi s-soċjeta’ konvenuta esegwiet fil-post u dan għalkemm ġiet uffiċjalment interpellata għal konsenja ta’ dawn il-pjanti;

Illi dan l-aġir tas-soċjeta’ konvenuta rrenda danni serji lill-atturi stante li llum il-fond de quo ġie minfud ma’ fond proprjeta’ tas-soċjeta’ konvenuta (jew kumpanija konnessa magħha) u jintuza bħal fond wieħed. Fil-fatt dawn iż-żewġ fondi llum jikkostitwixxu “The Energy Complex” ta’ Triq ir-Repubbika, il-Belt, u huwa diffiċili għall-atturi llum jiddistingwu bejn iż-żewġ fondi, u biex jistabbilixxu preċizament fejn kienet id-divizjoni taż-żewġ fondi fid-data tal-lokazzjoni;

Illi skond l-Artikolu erbatax (14), f’każ illi s-soċjeta’ konvenuta tibqa’ tippersisti fil-ksur ta’ xi obbligazzjoni minnha assunta fl-istess kuntratt wara li jgħaddu għoxrin ġurnata minn meta tiġi interpellata biex tikkonforma mal-kuntratt, l-atturi għandhom id-dritt illi jirrexxindu l-kuntratt ta’ kera de quo billi jintimaw uffiċjalment lis-soċjeta’ konvenuta bid-deċiżjoni tagħhom li jirrexxindu l-istess;

Illi s-soċjeta’ konvenuta ġiet nnotifikata fl-1 ta’ Novembru 1997 b’ittra uffiċjali tad-29 t’Ottubru 1997 (Dok. E) li permezz tagħha l-atturi interpellawha tipprovdi l-pjanti tal-

fond u deskrizzjoni tat-tibdil skond l-artikoli tlieta (3) u sitta (6), izda s-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti nonostante illi għaddew aktar minn għoxrin ġurnata;

Illi l-atturi permezz ta' ittra uffiċjali datat 19 ta' Mejju 1998 (Dok. F) intimaw lis-soċjeta' konvenuta illi a tenur tal-klawsoli tnax (12) u erbatax (14) ta' l-imsemmi kuntratt il-lokazzjoni kien ġie rexxiss u terminat, u ġiet mitluba tiżgombra mill-fond;

Illi s-socjeta' konvenuta nonostante li ġiet interpellata sabiex tiżgombra mill-fond de quo baqgħet inadempjenti;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta għamlet sullokazzjoni u/jew cessjoni u/jew trasferiment tal-fond 148, Melita Street, Valletta, inkluz tal-fond adjaċenti li kien magħruf bħala "Britannia Toy shop" f'Melita Street, Valletta, bi ksur u in vjolazzjoni tal-klawsola numru tnax (12) tal-ftehim lokatizju tal-1 ta' Gunju 1993;

(ii) Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta kissret klawsoli numri tlieta (3) u sitta (6) tal-preċitat ftehim lokatizju tal-fond de quo;

(iii) Tiġi konsegwentement dikjarata xjolta u rizoluta l-lokazzjoni tal-fond de quo, kif ukoll tikkonferma x-xoljiment ipso jure tal-kirja skond kif pattwit fi klawsola erbatax (14) tal-ftehim tal-kirja;

(iv) Tordna lis-soċjeta' konvenuta sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tiżgombra mill-fond lilha mikri;

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta inkluzi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Mejju 1996, u tad-29 t'Ottubru 1997 u ta' l-ittra interpellatorja tat-22 ta' Frar 1996, kontra s-soċjeta' ko nvenuta ngunta għas-subizzjoni;

B’riserva ta’ kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-atturi inkluz azzjoni għad-danni kontra l-istess soċjeta’ konvenuta;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mat-tmien (8) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-23 t’April, 2002, li biha l-kumpannija mħarrka eċċepiet::

1. Fl-ewwel lok, in-nullita taċ-ċitazzjoni billi fiha premessi u tippostula talbiet fihom infishom konfliggenti u/jew li jonsqu minn dik il-kjarezza li jrid l-art. 156(1) tal-Kap. 12;

2. Fit-tieni lok, pero’ mingħajr pregudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, jekk din l-Onor Qorti ssib li l-att taċ-ċitazzjoni mhuwiex null, l-eċċipjenti teċċepixxi li l-attur ma jistax jitlob, bl-istess att gudizzjarju, konferma li l-kirja de quo ġiet xjolta *ipso jure* fl-1996 (ara Dok. B u B1) u dikjarazzjoni li l-eċċipjenti kisru t-termini tal-istess kirja fl-1997 (ara Dok. E u Dok. F); għalhekk, dejjem , mingħajr pregudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, fl-aħjar ipotesi għall-atturi, din l-Onor Qorti tista tinvesti biss l-ewwel talba, u t-tielet u r-raba’ talbiet in kwantu dawn huma marbutin mal-ewwel talba;

3. Fit-tielet lok, pero’ mingħajr pregudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, l-eċċipjenti teċċepixxi fil-mertu li t-t albiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt b’mod partikolari għaliex hi ma kisret l-ebda mill-klawsoli msemmija fiċ-ċitazzjoni tal-kirja *de quo*; u/jew li kwalunkwe ksur li seta kien hemm (li mhux ammess) ma jagħtix lok, fiċ-ċirkostanzi, għax-xoljiment jew risoluzzjoni tal- kirja għaliex, *inter alia*, l-istess atturi ma mxewx validament mat-termini relattivi tal-iskrittura in kwistjoni u/jew tali ksur mhux tali li jġib konsegwenża daqshekk drastika u/jew tali ksur ġie jew jista’ jiġi rimedjat;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 ta’ Mejju, 2002, li fih il-kumpannija mħarrka iddikjarat li, dwar l-ewwel eċċezzjoni

tagħha, ma kellhiex provi xi tressaq, imma talbet li titħalla tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet dwarha;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2002, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu n-Noti rispettivi tagħhom dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat illi l-kumpannija mħarrka naqset li tressaq in-Nota tagħha fiż-żmien mogħti lilha, u dan kif jidher mill-verbal tas-smigħ tas-27 ta' Ġunju, 2002[1];

Rat id-Degriet tagħha tas-27 ta'Ġunju, 2002, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka;

Rat id-Degriet tagħha tal-10 ta' Settembru, 2002, li bih laqgħet it-talba magħmula mill-kumpannija mħarrka b'Rikors tat-30 t'Awissu, 2002, biex titħalla tressaq in-Nota tagħha dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħha;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-12 ta' Settembru, 2002[2];

Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-atturi fit-30 ta' Settembru, 2002[3];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din il-kawża, l-atturi qegħdin jitolbu li l-Qorti tiddikjara mitmuma kirja li huma kienu għamlu lill-kumpannija mħarrka ta' bini fil-Belt Valletta għal skopijiet kummerċjali, u li l-istess kumpannija mħarrka tiġi ordnata toħroġ minn dak il-post. L-atturi qegħdin iġibu bħala raġunijiet għal dawn it-talbiet tagħhom il-ksur ta' xi patti tal-imsemmija kirja min-naħa tal-kumpannija mħarrka, fosthom is-sullokazzjoni jew twellija, minkejja li mhux imħollija, u

[1] Pa[. 41 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 44 sa 50 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 51 sa 56 tal-pro`ess

nuqqas ta' tħaris ta' obbligi oħrajn aċċettati minnha dwar pjanta tal-post u deskrizzjoni ta' bidliet li kellha tagħmel fl-istruttura tal-fond lilha mikri;

Illi għal din l-azzjoni, l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li dik l-azzjoni ma tiswiex, u li, fil-mertu li l-hija ma kisret l-ebda kundizzjoni tal-kirja, u, fi kwalunkwe każ, ma jistgħux jintlaqgħu t-talbiet kollha f'daqqa għax ma joqogħdux flimkien;

Illi din is-sentenza sejra tqis biss, kif ġie verbalizzat waqt is-smigħ tal-15 ta' Mejju, 2002, l-ewwel eċċezzjoni. Il-kumpannija mħarrka ssejjes dik l-eċċezzjoni fuq il-kawżali ta' nuqqas ta' kjarezza tal-azzjoni attriċi fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minħabba talbiet li ma joqogħdux flimkien;

Illi kif tgħid il-kumpannija mħarrka fin-Nota ta' Osservazzjonijiet studjata tagħha, l-ilment tagħha li l-azzjoni attriċi ma tiswiex taqa' taħt dak li jipprovdi l-artikolu 789(1)(d) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta. Hija tgħid li, mill-mod kif inhuma mfassla l-erba' talbiet attriċi, hija ssib ruħha mċaħħda milli tiddefendi kif imiss lilha nnifisha minn dak li hija mixlija bih, minbarra li ssibha iebsa tifhem x'qed jintalab mill-atturi;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi wieġbu permezz ta' Nota daqstant ieħor studjata li l-azzjoni tagħhom timxi sewwa ma' dak li jitlob l-artikolu 156(1) minn kull ċitazzjoni. L-oġġetti u r-raġunijiet tat-talbiet huma mfissra ċar u sewwa u t-talbiet huma numerati, kif jitlob dak l-artikolu. Minbarra dan, l-għan tal-azzjoni tagħhom huwa għal kollox ċar: qegħdin jitolbu li jiġi dikjarat li, bil-ksur tal-ħarsien tal-patti tal-kirja min-naħa tal-kumpannija mħarrka, il-kirja ntemmet u li l-kumpannija mħarrka tiġi ordnata toħroġ mill-post. Huma jżidu jfissru li ma hemm l-ebda kontradizzjoni fit-talbiet tagħhom, għaliex qegħdin jgħidu li l-kumpannija mħarrka kisret iżjed minn kundizzjoni waħda li lkoll iwasslu għat-tħassir tal-kuntratt tal-kirja, ukoll jekk mhux kollha marbuta bl-istess effett riżoluttiv. Huma jiċħdu li l-kumpannija mħarrka tqegħdet f'sitwazzjoni li ma tistax tiddefendi lilha nnifisha;

Illi, qabel xejn jidher xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[4];

Illi ma' dan il-Qorti iżżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[5]. Minbarra dan, biex ċitazzjoni tiġi dikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors tagħha, "jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrja ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formaliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi"[6];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[7];

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti

---

[4] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[5] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio |ammit*** (mhix publikata), li fiha espo\izzjoni `ara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att [udizzjarju

[6] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kaw\a fl-ismijiet ***John Ma llia vs Maria Assunta Bor[ et***

[7] Ara, per e\empju, P.A. **5.6.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**

tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [8];

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[9]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[10];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[11];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[12] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[13];

---

[8] P.A.: **9.3.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;

[9] App. ~iv.: **20.2.1935** fil-kaw\a fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);

[10] App. ~iv.: **22.5.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[11] P.A. **15.12.1955** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)

[12] P.A. : **14.2.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);

[13] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Bonni`i vs Eucharistico |ammit noe et***

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed ‘il fuq[14], il-Qorti qalet li “*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta’ konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*”;

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [15]. Normalment, b’dan wieħed jifhem li dak li kellu f’moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed ‘il quddiem fil-kawża[16], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista’ jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[17], għalkemm jista’ jitfa’ dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[18]. B’dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista’ tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[19];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qegħdin jippremettu l-atturi ma jħalli l-ebda dubju x’inhuma jippretendu li sar u xi jridu li jikseb bl-azzjoni tagħhom. Fuq dan, l-istess kumpannija mħarrka, fin-Nota tal-eċċezzjonijiet tagħha, turi wkoll li fehmet x’qiegħed jingħad u x’għamla ta’ kontestazzjoni qegħda tressaq għal dawk il-pretensjonijiet tal-atturi u dan b’difiża fil-mertu;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita’ tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta’ att ta’ ċitazzjoni, tali nullita’ tkun

[14] Ara nota 10;

[15] App. ~iv.: **7.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)

[16] App. ~iv. **30.3.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Raymond Be\\ina vs Anthony Galea***

[17] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ahra vs |ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)

[18] App. ~iv. **23.4.1945** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)

[19] P.A. : **24.6.1961** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii**)

imputabbli għal difett ta’ forma aktar milli ta’ sustanza[20], liema difett ma jkunx jista’ jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta’ ġustizzja proċedurali[21];

Illi fil-każ preżenti, il-kumpannija mħarrka ssemmi n-nullita’ tal-att fuq il-bażi li l-atturi kellhom jagħżlu bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux jorbtuhom flimkien u jitolbuhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta’ meta tiġi eċċepita n-nullita’ ta’ ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta’ talba meqjusa bħala meħtieġa. Skond l-argument tal-kumpannija mħarrka, l-azzjoni attriċi hija milquta b’kontradittorjeta’ minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli;

Illi hawnhekk ta’ min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f’għadd ta’ każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta’ nullita’ tal-att taċ-ċitazzjoni fuq il-bażi tal-kontradittorjeta’ tal-kawżali u t-talbiet, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f’daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[22]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis att ta’ ċitazzjoni bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[23]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li ċ-ċitazzjoni jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Illi f’dan il-każ joħroġ ċar li l-ilment tal-kumpannija mħarrka ma jaqax fil-parametri ta’ nuqqas proċedurali, imma wieħed sostantiv. Dan jingħad għaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta’ tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju. Il-qofol tad-diffikulta’ li l-kumpannija kontinwament tirreferi għaliha hu marbut essenzjalment mat-tifsira ta’ patt riżoluttiv. Jekk dan l-argument jagħti id aktar b’saħħitha lill-kumpannija mħarrka biex iżżidha mad-difiża tagħha fil-mertu, ma jġibx ukoll li b’daqshekk l-azzjoni attriċi ma tiswiex. Fit-termini l-iżjed essenzjali

[20] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[21] Ara App. ~iv. **21.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[22] Ara, per e\empju, Kumm. **9.1.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Salvatore Aquilina et vs Joseph Oliver Ru[[ier noe***

[23] Ara, per e\empju, App. ~iv. **6.3.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ammit et vs |ammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

tagħha, l-azzjoni attriċi tittraduċi f'waħda li trid it-tneħħija tal-kumpannija mħarrka mill-post lilha minnhom mikri minħabba ksur min-naħa tagħha ta' l-obbligazzjonijiet tagħha taħt il-ftehim. Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa ċar biżżejjed biex jitqies li ġiet imħarsa l-liġi, u ma jikkonkorrux l-estremi biex l-azzjoni titqies ma tiswiex;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka bħala waħda mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u tiddikjara li l-att taċ-ċitazzjoni hu mfassal kif trid il-liġi;u

U **tordna** li l-kawża titkompla bis-smigħ u t-trattazzjoni fil-mertu.

**L-ispejjeż** ta' din il-kwestjoni jitħallsu mill-kumpannija mħarrka.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**3 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**3 t'Ottubru, 2002**